**14 ta' Mejju, 1993**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

L-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Xuereb *noe*

*versus*

Dolores Degabriele

## Terminu Legali – Ġranet ta' Xogħol – Ordni Pubbliku

*Skond il-liġi tal-proċedura, l-aħħar ġurnata ta' kull terminu li m'huwiex korrenti, ma tibqax tfisser li hija ta' erba' u għoxrin siegħa li jagħlqu f'nofs il-lejl, imma tfisser ġurnata li tagħlaq meta jagħlaq ir-Reġistru.*

*Fil-każ ta' terminu bi ġranet korrenti, meta l-aħħar ġurnata tinzerta li mhix ġurnata tax-xogħol, allura t-terminu jagħlaq fl-ewwel ġurnata tax-xogħol li jkun imiss, u fil-ħin li jagħlaq ir-Reġistru.*

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Bord lil jirregola l-Kera ppronunzjata fis-7 ta' Frar, 1991;

2. Fil-15 ta' Frar, 1991, l-intimata Dolores Degabriele rrikorriet quddiem din il-Qorti u talbet biex il-Qorti tordna l-ftuħ tar-Reġistru:

"...sabiex jkun jista' jiġi ppreżentat rikors ta' appell fil-kawża...u dan *stante* li t-terminu għal tali ppreżentata jiskadi llum",

u għalhekk din il-Qorti, laqgħet it-talba:

"...mingħajr preġudizzju għal kull effett legali li dan il-ftuħ għandu jew jista' jkollu";

2. Is-subinċiż (2) ta' l-art. 24 Kap. 69 jgħid:

"L-appell jinġieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell, b'rikors, fi żmien sitt ijiem tax-xogħol mid-data li fiha d-deċiżjoni tal-Bord tkun ingħatat";

4. Is-sentenza ngħatat nhar il-Ħamis 7 ta' Frar, 1991, u s-sitt (6) ijiem tax-xogħol għalhekk kienu jgħalqu l-Ġimgħa 15 ta' Frar, 1991;

5. Jiġi osservat illi għalkemm fuq ir-rikors biex jinfetaħ ir-Reġistru tal-Qorti d-Deputat Reġistratur li rċevieh nizzel id-data tal-15 ta' Frar, 1991, u taħt il-firma tal-President ta' din il-Qorti – meta ffirma d-digriet imsemmi – xorta waħda t-timbru tal-pagament kemm fuq dak l-att kif ukoll fuq ir-rikors ta' appell – jindika t-18 ta' Frar, 1991;

6. Billi l-kwistjoni tat-terminu għalhekk, inġiebet forzatament għall-attenzjoni tal-Qorti, din hija obbligata tikkonsidraha għaliex dawn it-termini perentorji huma bbażati fuq prinċipji ta' ordni pubbliku, għaliex altrimenti – ċerti drittijiet ta' azzjoni, bħal ma huwa dan ta' appell, jinħolqu mill-partijiet u mhux mill-Ordinament;

7. Il-Qorti għalhekk hija obbligata biex tinterpreta xi tfisser il-frażi "fi żmien sitt ijiem tax-xogħol" tal-kwotat art. 24(2) Kap. 69, paragrafu 3 *supra;*

L-art. 103, Kap. 12, jiddefinixxi:

Fil-għadd taż-żmien, il-ġurnata tingħad ta' erbgħa u għoxrin siegħa.....";

iżda, l-art. 104 Kap. 12 jispjega illi:

"Meta ma jingħadx espressament xort'oħra, iż-żmien ta' erbgħa u għoxrin siegħa jitqies li jagħlaq il-ġurnata ta' wara, fis-siegħa stabbilita għall-għeluq tar-reġistru";

Is-sitt ġurnata tax-xogħol, fil-każ preżenti, kienet il-Ġimgħa 15 ta' Frar, 1991, u billi t-terminu m'huwiex espress f'termini ta' **sigħat** imma ta' **ġranet**, il-ġurnata tal-Ġimgħa tagħlaq meta jagħlaq ir-Reġistru ta' din il-Qorti;

Għalhekk, skond il-liġi tal-proċedura, l-aħħar ġurnata ta' kull terminu li m'huwiex korrenti, ma tibqax tfisser li hija ta' erba' u għoxrin siegħa li jagħlqu f'nofs il-lejl, imma tfisser ġurnata li tagħlaq meta jagħlaq ir-Reġistru skond il-ħinijiet diversi ta' matul is-sena stabbiliti b'liġi. Fil-każ ta' terminu bi ġranet korrenti, meta l-aħħar ġurnata tinzerta li mhix ġurnata tax-xogħol, allura t-terminu jagħlaq, fl-ewwel ġurnata tax-xogħol, li jkun imiss, u fil-ħin li jagħlaq ir-reġistru;

Jgħid preċiżament l-art. 179(1) Kap. 12:

"L-iskritturi għandhom jiġu ppreżentati fir-reġistru tal-Qorti rispettiva matul il-ħinijiet li, skond ir-regolamenti, ir-reġistri jinżammu miftuħa";

Iż-żminijiet iffissati għall-eżerċizzju tad-dritt ta' l-appell, huma perentorji u għalhekk, il-Qorti ma tistax tissospendihom jew iġġeddidhom, u per konsegwenza, għalkemm din il-Qorti ppermettiet li jinfetaħ ir-Reġistru, wara l-ħin ta' l-għeluq, b'daqshekk, ma kinitx qed iġġedded it-terminu perentorju li l-appellanti kienet iddekadiet minnu – art. 106 Kap. 12;

8. Għalkemm dan l-appell, għar-raġunijiet mogħtija

jirriżulta null u inattendibbli, xorta waħda din il-Qorti eżaminat il-lanjanzi u l-aggravju, u għalkemm hija loġikament prekluża milli tikkonsidrahom *seriatim*, tgħid, illi l-mertu, kif deċiż, huwa korrett;

9. Għar-raġunijiet mogħtija, billi r-rikors ta' l-appell ġie ppreżentat wara l-għeluq tar-Reġistru tas-sitt ġurnata tax-xogħol mid-data tas-sentenza, l-istess rikors jirriżulta inammissibbli minn din il-Qorti;

Iż-żmien għall-iżgumbrament jibda jgħaddi millum;

L-ispejjeż għar-rikorrenti Dolores Degabriele.